MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1100/1997/1

**Paul maghruf bhala Kathleen Schembri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ppremetta:-

Illi l-attur gie registrat fl-Att tat-Twelid numru 281/1972, li kopja tieghu hija annessa mac-citazzjoni u mmarkata

bhala Dok. A, fil-kolonna “Isem il-Wild” taht l-isem “Paul”, u fil-kolonna “Sess” bhala “male”;

Illi sa minn ckunitu, l-attur hass konflitt qawwi u rresistibbli bejn il-fiziku maskil tieghu u l-personalita` u attitudnijiet inerenti femminili illi kellu, u agixxa, kemm psikologikament kif ukoll esternament, bhala tifla u aktar tard bhala mara, skond kif anke gie certifikat mill-Psikjatra Dr. J. Vella Baldacchino, kopja ta’ liema certifikat hija annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. B;

Illi sabiex il-persuna tieghu ma tkunx f’konflitt mal-personalita` tieghu, l-attur kellu jaghmel trattamenti medici u kirurgici, b’dan illi llum huwa fizikament mara, skond kif gie certifikat minn Mr. Michael Royle, li kopja tac-certifikat tieghu giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. C u din il-bidla hija wahda permanenti u rreversibbli;

Illi ghalhekk is-sess ta’ l-attur, kemm fizikament kif ukoll psikologikament, huwa fl-aspetti kollha essenzjali u effettivi tieghu, dak femminili;

Illi ghalhekk l-indikazzjoni tas-sess ta’ l-attur bhala “male” kemm fl-Att tat-Twelid tieghu, kif ukoll f’dokumenti ufficjali jew semi-ufficjali ohra, illum mhix korretta, u hija inveritjera in kwantu ma ssib l-ebda riskontru fir-realta`, in kwantu ma tirrifletti bl-ebda mod il-verita` fattwali skond kif inhu dikjaratament ir-*raison d’entre* ta’ atti ufficjali simili;

Illi l-attur issa ilu ghal diversi snin konsistentement u kostantement maghruf mill-familjari, qraba, hbieb u konoxxenzi tieghu bl-isem “Kathleen”, u dan kif jista’ jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talab ghalhekk l-attur lill-Qorti sabiex:-

1. Previa dikjarazzjoni illi l-attur huwa konstantement maghruf bl-isem “Kathleen”, tornda lill-konvenut illi jissostitwixxi l-isem “Paul” fil-kolonna “Isem il-Wild” fl-Att tat-Twelid Numru 281/1972, bl-isem “Kathleen”, bhala l-isem moghti lit-tarbija u l-isem li bih hija ghandha tkun;
2. Previa dikjarazzjoni illi l-attur illum huwa fizikament u psikologikament, fl-aspetti kollha tieghu, mara, u cioe`

aventi sess femminili, kif fuq premess, tordna lill-konvenut illi jossostitwixxi l-indikazzjoni fil-kolonna “Sess” fl-istess Att tat-Twelid numru 281/1972 minn “male” ghal “female”;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti ghandha tgharbel sewwa l-provi migjuba mill-attur peress illi, jekk jigu milqugha t-talbiet attrici se jkollhom konsegwenzi illi jolqtu wkoll l-interess pubbliku in generali;
3. Illi huwa ma kellux ibati spejjez;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjrazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat is-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1998 li permezz taghha laqghet it-talbiet attrici u ordnat lill-konvenut jikkorregi l-att tat-twelid ta' l-attur (numru 281/1972) billi fil-kolonna "Isem il-Wild" l-isem "Paul" jigi sostitwit bl-isem "Kathleen" u dana bhala l-isem moghti lit-tarbija u l-isem li bih hija ghandha tkun msejha u fil-kolonna "Sess" il-kelma "boy" tigi sostitwita bil-kelma "girl", b'dana pero` li trid issir annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' din is-sentenza u wara li l-attur kien issottometta ruhu ghall-intervent kirurgiku ta' "gender reassignment" fit-13 ta' April 1996;

Din id-decizjoni ittiehdet wara li l-Ewwel Qorti kkonsidrat:-

L-attur qed jitlob li jigi ordnat li fic-certifikat tat-twelid tieghu (Att tat-Twelid numru 281/1972) fil-kolonna “Isem il-Wild” l-isem “Paul” jigi sostitwit bl-isem “Kathleen” u dana bhala l-isem moghti lit-tarbija u l-isem li bih hija ghandha

tkun maghrufa u inoltre illi fil-kolonna “Sess” fl-istess Att tat-Twelid il-kelma “male” tigi sostitwita bil-kelma “female”;

Mill-imsemmi Att tat-Twelid (numru 281/1972 - Dok. A – Fol. 5) jirrizulta illi l-attur twieled fit-23 ta’ Novembru 1971 u huwa gie indikat bhala ta’ sess maskili u gie mghoti l-ismijiet “Paul, Disma, Emanuel” u kellu jkun mgharuf bl-isem “Paul”. Jirrizulta inoltre illi l-attur mill-bidu nett ta’ hajtu cioe` sa minn ckunitu, beda jhoss konflitt kbir bejn il-fiziku maskili tieghu u l-personalita`, l-psike u l-attitudinijiet tieghu li kienu inerentement femminili. Jirrizulta in effett li l-attur kien jagixxi kemm psikologikament kif ukoll esternament, bhala tifla u sussegwentement bhala mara. Dan kollu jirrizulta mill-varji certifikati medici li gew prodotti, kif ukoll mid-deposizzjonijiet ta’ l-attur stess u tax-xhieda minnu prodotti, inkluzi t-tobba;

Jirrizulta ukoll illi l-attur minn zmien ilu (kien ghadu adolexxenti) rrikorra ghand tobba ghall-ghajnuna specjalizzata taghhom. Maz-zmien huwa ssubixxa trattamenti medici, inkluzi interventi kirugici, sabiex il-persuna tieghu ma tkunx f’konflitt mal-personalita` tieghu. Dawn l-interventi kkulminaw f’operazzjoni li saret fit-13 ta’ April 1996. Bhala konsegwenza l-attur issa jista’ jigi konsidrat li huwa fizikament mara. Jidher li dan sar b’mod definittiv, permanenti u irreversibbli. Ghalhekk jirrizulta illi s-sess ta’ l-attur illum, kemm fizikament kif ukoll psikologikament, fl-aspetti kollha essenzjali u effettivi tieghu, huwa dak femminili. Minhabba ragunijiet validi u genwini l-attur issottopona lilu nnifsu ghal dawn l-interventi medici u issa jista’ jinghad illi huwa ghandu jigi konsidrat ta’ sess femminili ghall-finijiet u effetti kollha;

Jirrizulta inoltre illi l-attur ghad-diversi snin, anke minn qabel ma ssubixxa l-imsemmija interventi kirurgici, kien konsistentement u kostantement maghruf mil-familjari, qraba, hbieb u konoxxenti tieghu bl-isem “Kathleen” u mhux “Paul”;

F’dan l-istadju, in vista tar-rizultanzi u in vista tat-talbiet atttici, necessarjament trid issir referenza ghal zewg kawzi kostituzzjonali fejn ovvjament kien hemm allegazjonijiet ta’

ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem pero` fejn il-fatti kienu simili hafna, jekk mhux addirittura identici, ghall-fatti rizultanti f'din il-kawza u fejn ukoll ir-rimedju li kien qed jintalab kien simili hafna ghat-talbiet odjerni. Dawn iz-zewg kawzi huma "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Lulju, 1995 u "Raymond Gilford maghruf bhala Rachel Gilford vs Direttur tar-Registru Pubbliku" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April, 1997 u li giet in segwitu konfermata (b'xi tibdiliet zghar) mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru, 2001.

Fl-imsemmija kawza "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onorevoli Prim Ministru et" ntqal:-
"Ghalkemm din il-Qorti ma tistax issib illi kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti kif kontemplati fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni - u f'dan is-sens is-sentenza appellata tigi revokata - b'dana kollu l-Qorti thossha intitolata li ghandha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti tizdid a tergo dikjarazzjoni fis-sens illi mill-10 ta' Novembru 1990 minhabba intervent kirugiku l-imsemmi Lawrence Cassar ottjeniet sess femminili u ghalhekk hija mgharufa bhala Roxanne Cassar."

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fic-citata sentenza l-ohra marret oltre u qalet:-

"Il-Qorti tqis allura li jkun rimedju adegwat illi apparti tibdil fir-rigward ta' l-isem li bih kellu d-dritt li jissejjah ir-rikorrenti, u dana anke a tenur tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 253 ic-certifikat tat-twelid tieghu ghndu jigi korrett billi s-sess tieghu jigi indikat bhal femminili minflok maskili. Dana kif provdut fis-subinciz (1) ta' l-istess artikolu u a bazi tal-konsiderazzjoni illi hu illum pruvat illi s-sess predominanti tar-rikorrenti mehud fit-totalita tieghu kien meta twieled dak feminili u mhux maskili. A tergo ta' l-istess certifikat tieghu ghandu jigi registrat u annotat li din il-korrezzjoni kienet qed issir in forza ta' din is-sentenza u wara li r-rikorrenti kien ghamel l-intervent kirurgiku li bih assuma anke fl-apparenza s-sess femminili."

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li fost hafna affarijiet ohra kkonsidrat-

"Din il-Qorti ma tasalx biex tghid b'certezza - kif sostnew sentenzi antecedenti – li ma kienx sar zball fis-sostanza meta saret ir-registrazzjoni. Zball li allura seta' ukoll kien korrett bil-proceduri ordinarji previsti fil-Kodici Civili. Dana fis-sens illi jekk wiehed jaccetta – kif ghandu – illi 'is-sess jinkludi fih kemm il-fisiku kif ukoll il-psikologiku u li dawn iridu jaqblu', fil-kaz ta' konflitt car kif hu l-kaz presenti, hu ovvju li biex wiehed jasal ghal x'kellu jitqies li hu s-sess ta' individwu, wiehed kellu necessarjament jikkonsidra z-zewg elementi kostituttivi biex jara liema kien dak l-aktar predominanti li jghati timbru indelebili lil dik il-persuna u li kien jikkwalifikah bhala ta' sess u mhux ta' iehor. U jekk jigi accettat dak li hu suggerit fir-rapport psikjatriku illi 'il-mentalita` pura femminili' tar-rikorrenti tinkudi ukoll 'istint u identita` femminili ta' certa qawwa' li t-transesswali jidher li jitwieled bihom jista' ma jkunx daqstant difficili li wiehed jikkonsidra li s-sess tieghu kif deskritt fic-certifikat tat-twelid seta' meta twieled ma kienx precizament deskritt in kwantu kien biss jirregistra l-apparenza fizika u mhux il-persuna shiha ta' l-individwu kif sussegwentement immanifestat ruhha li kienet sa mit-twelid."

Fuq l-iskorta ta' dan kollu ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Sabiex jigi determinat is-sess ta' persuna ghandhom jigu konsidrati kemm l-aspett fisiku kif ukoll dak psikologiku u dawn ghandhom jikkoincidu. Fil-kaz presenti l-attur, minn mindu kien zghir, kien gravement afflit minhabba l-konflingenza li kien qed ihoss peress li l-aspett fisiku tieghu ma kienx konformi ma' l-attitudinijiet u mal-psike tieghu. Jidher li l-istint femminili ezistenti fil-mohh u fl-ispirtu ta' l-attur kien tant qawwi li possibilment jista' jinghad li l-attur twieled b'dawn it-tendenzi femminili. Ghalhekk facilment jista' jinghad li s-sess ta' l-attur kif deskritt fic-certifikat tat-twelid seta' gie hekk deskritt bi zball stante li ttiehed biss in konsiderazzjoni l-aspett fisiku u mhux il-persuna tieghu bl-integrita` taghha. Ghalhekk in vista ta' dawn ir-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz mhux eskluz li seta' sar zball fis-sustanza meta gie dikjarat is-sess ta' l-

attur meta kien qed jigi registrat it-twelid tieghu. Tali zball skond il-ligi jista' jigi sanat permezz ta' dawn il-proceduri;

Ma hemmx dubju lanqas li f'din il-materja filwaqt li jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-individwu ghandhom ukoll jigu mharrsin l-interessi tas-socjeta` in generali. Ghalhekk b'xi mod ghandha tigi annotata c-cirkostanza li l-attur biddel is-sess apparenti tieghu u d-data ta' meta sar dan;

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti b'dan pero` li a tergo tac-certifikat tat-twelid ta' l-attur ghandu jigi annotat li dawn il-korrezzjonijiet qed isiru in forza ta' din is-sentenza u wara li l-attur kien issubixxa intervent kirurgiku li bih assuma anke fisikament u fl-apparenza s-sess femminili;

**Appell**

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut fejn huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata b'mod li jigu michuda t-talbiet attrici u dan wara li ssottometta li l-aggravju tieghu kien car u manifest u kien jikkonsisti:-

Illi l-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u ordnat lill-konvenut jikkorregi l-att tat-twelid *de quo*;
Illi skond il-Kodici Civili taghna, dokumenti ta' l-istat civili huma dokumenti storici li ma jistghux jithassru hlief jekk ikun fihom xi zball;

Illi f'dan il-kaz, meta gie redatt ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur appellat ma kien jezisti ebda zball; anzi c-certifikat kien jirrifletti l-istat tieghu kif kien dak iz-zmien;

Illi jsegwi ghalhekk li l-Onorabbli Qorti ta' Prima Istanza zbaljat meta ordnat tibdil li l-ligi ma tippermettix;

Rat ir-risposta ta' l-appellat;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:-

Illi l-appellant jibbaza l-opposizzjoni tieghu ghad-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti fuq l-argument li d-dokumenti ta' l-istat civili huma dokumenti storici li ma jistghux jithassru hlief jekk ikun fihom xi zball u li f'kull kaz il-ligi ma tippermettix tibdil;

Il-kontroparti fir-risposta taghha oggezzjonat ghar-rikors ta’ l-appell peress li tippretendi li l-verita` tal-konnotati ma ghandhomx jigu kongelati imma l-Qorti ghandha tikkonsidra l-fatti kif inhuma illum jew kif ilhom minn eta` tenera ta’ l-appellat;

Il-fatti tal-kaz odjern jindikaw persuna li twieldet ghal kulhadd tifel u dan hekk baqa’ ghal certu numru ta’ snin meta, anki skond l-istess ommu, beda juri tendenzi femminili; jidher li hu kompla l-iskola primarja pero` kif qalet ommu "meta huwa kellu 13 jew 14-il sena kont narah dejjem maghluq fih innifsu, ma jitkellem ma’ hadd u ghalhekk kont indunajt li kien hemm xi problema";

Kemm l-affidavit ta' Dr. Vella Baldacchino u anke c-certifikat rilaxxat minn Dr. Hermann Farrugia ma jindikawx li l-attur kien ikkonsultahom qabel l-1995 u 1997;

Fid-dawl tal-ftit provi li tressqu f'dan ir-rigward jidher li l-attur kellu tendenzi ta’ tifla sa minn eta` tenera ghalkemm dan ma kienx inkwieta lill-genituri hlief meta kellu xi 12-il sena; tifhem ukoll din il-Qorti li bhala konsegwenza ta’ tali tendenzi huwa beda jiffrekwenta tfal u guvintur tas-sess maskili u li din is-sitwazzjoni kkagunatlu problemi konsiderevoli mhux biss psikologici imma anki problemi fil-hajja tieghu ta' kuljum; huwa stqarr li "kelli nitlaq mir-rahal tieghi biex forsi nintesa", xtaq li jibda hajja ohra "minghajr umiljazzjoni u kritiki". L-attur jispjega li l-ktieb tax-xoghol kien jikxfu ghal dak li hu u allura kulhadd kien jevitah - l-istess jigrilu meta juza l-credit card jew jipprezenta l-passaport jew jigi kontrollat f'road blocks;

L-ilment ta’ l-appellat meta jispjega id-diffikulta li jiltaqa’ maghha meta jmur ghand socjeta` assiguratrici ma tidhirx hekk gusitifikata; dawn il-kumpaniji jikkonsidraw anki l-

“lifestyle” ta’ l-assigurat prospettiv u anki jekk jigu milqugha t-talbiet attrici aktarx li l-istess diffikultajiet jippersistu;

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza kostituzzjonali ta' **Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Prim’ Awla fl-10 ta’ Marzu 1995 (u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta’ Lulju, 1995) li kienet l-ewwel darba li l-Qrati taghna gew investiti b’talba simili. Ghalkemm fil-kawza odjerna ma tressqux wisq provi u anqas kien hemm l-opinjoni ta’ esperti medici u psikologi kif kien hemm fil-kawza ta’ Cassar, anki f'din il-kawza din il-Qorti “taqbel li l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti t-tezi tieghu li sakemm hu jibqa’ registrat bhala ragel kien qieghed jiltaqa' ma diffikultajiet tali li certament jistghu jigu definiti bhala krudili u anki umiljanti"; anki hawn l-attur wera l-konvinzjoni tieghu li jigi konsidrat u accettat socjalment bhala tas-sess femminili - inoltre dan ma garax minhabba xi tort jew decizjoni tieghu, imma sempliciment kien ir-rizultat ta' l-izvilupp tal-persuna u tal-personalita` tieghu. Kif ritenut fl-imsemmija sentenza ta’ Cassar, anki fil-kawza odjerna:

"... mir-rizultanzi processwali l-Qorti tifhem illi din il-konvinzjoni dahlet fil-mohh u fil-hajja tar-rikorrenti mhux minhabba xi tort jew xi decizjoni taghha imma sempliciment kienet ir-rizultat ta' l-izvilupp normali tal-persuna u tal-personalita` taghha; bl-ebda mod ma jista' jinghad illi hija hadet din il-linja kapriccozament, liema linja kkagunatilha bosta problemi u wasslitha sahansitra biex taghmel operazzjoni illi rrizulta li oltre l-ispejjez li nvolviet kienet ukoll ta’ tbatija fizika kbira; kieku pass bhal dan ir-rikorrenti haditu kapriccozament jew minhabba xi skop ulterjuri l-Qorti kienet thares lejn il-kaz b’mod altru ghal kollox differenti."

Kif sottomess fir-rikors ta’ l-appell, il-ligi ma tipprermettix thassir ta' dokument simili hlief jekk fih ikun hemm xi zball imma kif ritenut minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 1994 fil-kawza Zammit Pace vs Direttur tal-Registru Pubbliku: "ma hemm xejn li jimpedixxi lill-Qorti milli tordna li jsir xi forma ta’ annotament fil-kaz li dan ikun jidher opportun";

Dwar ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur jirrizulta li dan sar b'mod ghal kollox korrett anki meta jigi konsidrat ic-certifikat rilaxxat minn Dr. Vella Baldacchino fejn iccertifika "*although he was a biological male ...*"; din il-Qorti ma taqbilx li meta jigi redatt certifikat simili ghandhom jigu ezaminati l-aspetti psikologici tat-tarbija - hija registrazzjoni ta’ dak li jkun gara u mhux ta' dak li jista' jizviluppa mas-snin. B’dana kollu din il-Qorti tifhem li ghandha tordna li fuq l-istess certifikat ghandhom jitnizzlu notamenti li jindikaw xi zviluppi li sehhew in segwitu. Meta zwieg jigi annullat jew ikun hemm divorzju dekretat minn Qorti barranija li jkun accettabbli ghal fini ta’ registrazzjoni, il-Qorti tordna li tali zvilupp jew kambjament ghandu jigi indikat fic-certifikat taz-zwieg originali minghajr pero` ma tidhol fil-mertu tal-kaz; l-istess jinghad f’kazi simili fejn ikun hemm il-“gender reassignment surgery”, u il-Qorti tifhem li ghalhekk hemm ragunijiet sufficjenti li ghandha tintlaqa t-talba attrici; f’dan il-kaz it-tibdiliet ghandhom isiru biss in forza ta' l-istess sentenza. Ic-cirkostanzi li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti ghad-decizjoni taghha ghandhom ikunu cirkostanzi gravi u li jkunu presenti ferm qabel ma jsir intervent kirurgiku simili.

Illi, inoltre anki fuq l-iskorta tas-sentenza kostituzzjonali fuq imsemmija, ukoll jekk ma hemmx legislazzjoni espressa, il-Qorti tista' tati ir-rimedji fuq il-linji ordnati fl-ewwel sentenza jekk, kif gja` indikat aktar ’il fuq, il-Qorti tkun konvinta li c-cirkostanzi ta' l-attur jiggustifikaw tali notament u tibdil fic-certifikat tat-twelid.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi thassar u tirriforma biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie ordnat li l-annotazzjoni li ghandu jaghmel l-istess Direttur fl-Att ta’ Twelid 281/1972 ghandu jkun fiha referenza li “l-attur kien issottometta ruhu ghall-intervent kirurgiku ta’ “gender reassignment” fit-13 ta’ April, 1996” (fis-sens, ghalhekk, li l-annotazzjoni ghandu jkun fiha biss referenza ghas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti kif modifikata b’din is-sentenza tal-lum bhala spjegazzjoni ghat-tibdiliet li saru f’dak ic-certifikat), izda tikkonferma s-sentenza appellata

fil-bqija u cioe` kemm ghall-korrezzjonijiet ordnati fl-Att ta' Twelid imsemmi kif ukoll ghall-kap ta' l-ispejjez.

L-ispejjez ta' dana l-appell jibqghu minghajr taxxa.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tordna li jekk din is-sentenza tigi pubblikata fil-mezzi tax-xandir l-isem ta' min ippromwova dawn il-proceduri m'ghandux jixxandar.

Deputat Registratur
df